**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 28 ta' Settembru 2017**

**Rikors Numru 66/2015**

**Manwel Falzon**

**Vs**

**Awtorita` tat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat minn **Manwel Falzon** fil-11 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:

*"ILLI huwa rcieva avviz ta' penali amministrattiva skont Regolament 108(1) tar-Regolamenti dwar is-servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) fis-27 ta' Ottubru 2015, jidhrilha li sar ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) meta Ufficjal tal-Infurzar fit-18 ta' Ottubru, 2015, f'Tower Road, Sliema ghall-habta ta' 00:52hrs, irraporta illi huwa haddem il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IMY385 regolarment ghall-kiri wara allegatament spezzjoni.*

*ILLI minkejja li Manwel Falzon irrisponda ghal dan l-avviz fuq imsemmi fiz-zmien stipulat b'mezz ta' ittra legali illi tispjega u tiggustifika aktar milli bizzejjed l-azzjoni tieghu kemm abbazi ta' fatt u ta' dritt, liema ittra legali qieghda tigi annessa u riferenzata bhala Dok. A, l-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta xorta dehrilha li l-penali amministrattiva esagerata ta' 500 EUR u 50 Punt, ghandha tigi infurzata minghajr ebda forma ta' spjegazzjoni tigi moghtija ghaliex di fatti ghandha tigi infurzata. Aktar minn hekk, l-Awtorita' fuq imsemmija, minflok ma tipprovdi spjegazzjoni gustifikata li, fil-fatt ma tezistix, tirrimarka b'arroganza illi tippreferi li l-penali tithallas lilha permezz ta' cekk bl-address indikat ezatti wara din il-preferenza tigi mistqarra.*

*ILLI kif gie provdut fl-ispjegazzjoni u fil-gustifikazzjoni tieghu, Manwel Falzon ma kisirx ir-regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) ghaliex in regola mal-Ligi nostrana u mar-regolament 42 stess il-vettura li huwa juza sabiex jopera s-servizzi tieghu tinsab registrata u regolata u minbarra hekk, huwa fl-ebda hin u mument ma offra s-servizzi tieghu lil xi persuni jew b'xi mezzi komunikattivi ghajr dawk li huma permessi.*

*ILLI t-tahrika u issa penali in kwistjoni qieghda takkuza lil Manwel Falzon ingustament illi huwa offra u biegh s-servizzi tieghu lil xi nies minn fuq il-'Bus stop' li tinsab f'Tower Road Tas-Sliema; meta fil-verita' huwa ghabba l-klijenti tieghu minn post vicin din il-'bus stop' meta dan kien diga' biegh is-servizzi tieghu lil dawn il-persuni li fil-fatt huma klijenti ordinarji tieghu, bit-telefown, li ghalhekk kemm abbazi ta' fatt u ta' dritt tesonerah minn din l-akkuza infondata hekk kif ma kiser ebda Ligi jew regola. Anzi, Manwel Falzon qieghed jigi ppenalizzat talli di fatti mexa skont il-Ligi! In fatti, fuq punt legali r-regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) jawtorizza l-agir u l-azzjoni ta' Manwel Falzon li b'hekk jirrizulta li l-penali b'mod definittiv u car hija infondata. In fatt, r-regolament msemmi jipprojbixxi bejgh jew sfurzar ta' bejgh f'postijiet u b'mezzi komunikattivi ghajr dawk provduti.*

*ILLI minghajr pregudizzju ghal dak li gie provdut fil-permessi precidenti, ir-regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) huwa wisq astratt u jhalli vojt kbir fejn l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tista' taghmel l-interpretazzjoni taghha ta' dan ir-regolament imsemmi kif tixtieq u kif jidhrilha u b'hekk tagixxi fuq dik l-interpretazzjoni, li fl-ahharnett twassal ghal abbuz tad-diskrezzjoni moghti lilha jekk din l-interpretazzjoni ma tirriflettix dak li xtaq l-legislatur.*

*ILLI b'relazzjoni mal-premessa precidenti, lanqas inhu car u lanqas gie spjegat, mill-Awtorita' msemmija, fuq xiex in fatti Manwel Falzon gie mharrek u ppenalizzat, hekk kif skont ir-regolament 42 fuq imsemmi huwa ma kiser ebda Ligi jew regolament.*

*ILLI ghalhekk l-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta qieghda tippenalizza persuna abbazi ta' interpretazzjoni zbaljata u arbitrarja li hija ghamlet.*

*Ghalhekk, fuq bazi ta' din l-ispjegazzjoni, ir-rikorrent, qieghed jitlob lil dan it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrativa illi jwettaq gustizzja mieghu, billi l-ewwelnett jipprovdilu lok fejn huwa jista' jsemma lehnu, billi dak li jipprovdi ghas-smigh jigi in fatti kkunsidrat, billi jwaqqaf kull abbuz amministrattiv li qieghed isir kontra tieghu, u billi jirrevoka fuq bazi kemm ta' fatt u ta' dritt il-penali amministrattiva, infondata u bbazata fuq interpretazzjoni skorretta u arbitrarja, li giet imposta fuqu, hekk kif huwa m'ghamel xejn li jwassal ghal din il-penali msemmija."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta datata 4 ta' Jannar 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"1. Illi d-decizjoni raggunta mill-Bord ta' Rapprezentazzjonijiet tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tat-13 ta' Novembru 2015 ghandha tigi konfermata stante illi hija wahda gusta u timmerita konferma.*
*2. Illi, in oltre, minn imkien mir-rikors tal-Appell ma jirrizulta illi, f'xi waqt tul ir-rapprezentazzjonijiet, l-appellant, quddiem il-Bord, ma ressaq xi prova sodisfacenti li turi li l-uzu li sar mill-istage in kwistjoni huwa/ kien sabiex jigbor persuni li ma kinux persuni pre-booked u dan in vista tal-fatt illi l-appellant, in segwitu ghar-rikors 149/13 VG deciz kontra tieghu fuq ksur identiku, kif jirrizulta mill-kopja tas-sentenza hawn annessa u markata Dok A, imissu aktar milli tghallem dak li jirrikjedi minnu l-Artikolu 42 ta' LS 499.56.*
*Illi wkoll, u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-biljett hawn annessa markata Dok B, il-ksur tar-regolamenti huwa altru milli car, spjegat u ndikat dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent, ta' Charlo Borg u ta' Horace Genovese, ta' Joseph Barbuto, ta' Justin Gambin u ta' Ernest Mifsud;

Sema' x-xhieda ta' Horace Genovese u ta' Charlo Borg;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ipproceda b'dan ir-rikors peress li hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra tas-27 ta' Ottubru 2015 b'liema ittra gie infurmat illi l-Awtorita` intimata kienet qieghdha timponi penali ta' hames mitt ewro (€500) u hamsin (50) punt ta' penali stante li sabitu in kontravvenzjoni ta' Regolament 42 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56).

Illi Regolament 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar isServizzi ta' Garr ta' Passiggieri) jghid is-segwenti:-

*"42. (1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri: Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità.*

*(2) Is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u sservizzi b'ferroviji mingħajr binarji, jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bil-posta.*

*(3) L-ebda persuna m'għandha - (a) tbiegħ, jew (b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief isservizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*

*(4) Ebda persuna m'għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f'xi post biex tuża servizz ta' ġarr tal-passiġġieri."*

Illi **r-rikorrent** xehed illi fil-15 ta' Ottubru 2015, ghall-habta tas-siegha ta' filghodu, kien ircieva telefonata minghand Justin Gambin fejn talbu jigborlu xi haddiema u jwassalhom id-dar mill-istabbiliment Surfside Sports Bar and Grill permezz tal-van tieghu Ford Transit IMY 385.

Jispjega li malli wasal fuq il-post ra lill-istess haddiema faccata tas-Surfside jistennewh bilqieghda fuq *bus stop*. Jghid li ghabbihom wara li waqaf metri 'l boghod mill-istess *bus stop*. Jghid li malli ghabba u beda miexi gie mwaqqaf minn ufficjali tal-Awtorita` intimata u riedu jimmultawh ghax skond huma gabar xi nies minn fuq il-*bus stop*. Jispjega li hu lill-imsemmija haddiema ma ghabbihomx minn

fuq il-*bus stop*, ghalkemm l-istess haddiema verament kienu bilqieghdha fuq il-*bus stop* jistennewh.

**<u>Joseph Barbuto</u>**, amministratur tal-Koperattiva tal-Mini Buses, xehed illi r-rikorrent huwa membru tal-Koperattiva tal-Mini Buses pero` jista' jaghmel ukoll xoghol privat.

**<u>Justin Gambin</u>**, sid l-istabbiliment Surfside, stqarr illi r-rikorrent huwa x-xufier tal-*mini bus* li l-haddiema tieghu jinkarigaw sabiex imur ghalihom wara l-hinijiet tax-xoghol taghhom, tard filghaxija, bhal ma gara fit-18 ta' Ottubru 2015 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu biex iwassalhom id-dar.

**<u>Charlo Borg</u>**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, jghid li fil-gurnata u hin in kwistjoni, kien fuq *patrol* minn tas-Sliema ghal Paceville meta ra lir-rikorrent jghabbi xi nies fuq il-*bus stop* faccata tas-Surfside f'Tas-Sliema. Jghid li wara rah jieqaf fuq il-*bus stop* ta' Arcidiacono u hemmhekk beda jsejjah lin-nies minn fuq il-*bus stop* izda ma marrux sabiex jirkbu. Jghid li hu waqqaf lill-kollegi tieghu il-Balluta sabiex ikellmu lir-rikorrent.

**<u>Horace Genovese</u>,** ufficjal tal-Awtorita` intimata, spjega illi ra lir-rikorrent isejjah lin-nies minn fuq il-*bus stop* ta' Arcidiacono izda dawn ma marrux jirkbu. Jghid li dak il-hin kien hemm zgur mara wahda fuq il-*bus stop*. Jghid li sussegwentement hu u EO 222 waqqfu lir-rikorrent il-Balluta fejn ammetta maghhom li kien qed jghabbi minn fuq il-*bus stop*. Mistoqsi mit-Tribunal jekk kellmux lin-nies li r-rikorent kellu fil-van, ix-xhud wiegeb li le ghax ma jistghax jghabbi minn fuq *bus stop* lanqas jekk ikun *pre-booked*. Jghid li pero` lir-rikorrent staqsewh il-passiggieri kinux *pre-booked* u qalilhom li le.

**<u>Ernest Mifsud</u>**, ufficjal tal-Awtoria` intimata, stqarr illi ra lir-rikorrent iwaqqaf fuq il-*bus stop* ta' Arcidiacono u minn hemmhekk beda jsejjah lin-nies izda dawn ma marrux. Jghid li kien hemm zgur mara wahda fuq l-istess *bus stop*. Jghid li sussegwenement waqqfuh u ammetta maghhom li kien qed jghabbi minn fuq il-*bus stop* u huma infurmawh li kienu se jirraportawh.

**Ikkunsidra:**

Illi jekk wiehed jara l-okkorrenza mimlija minn EO 222 Ernest Mifsud *a tempo vergine* jirrizulta illi gie mnizzel fuqha li r-rikorrent ghabba minn fuq *bus stop*. L-istess jirrizulta miktub fit-*ticket* mimli manwalment fil-hin li waqqaf lir-rikorrent.

Illi mix-xhieda tat-tlett ufficjali tal-Awtorita` intimata jirrizulta illi kien hemm zewg cirkostanzi separati fejn skond huma r-rikorrent kien qieghed jghabbi minn fuq *bus stop,* u cioe`, l-ewwel meta ghabba minn fuq il-*bus stop* faccata tas-Surfside u mbaghad meta pprova jghabbi minn fuq il-*bus stop* ta' hdejn Arcidiacono. Illi kjarament it-*ticket* u l-okkorrenza jirreferu ghal meta r-rikorrent allegatament ghabba lill-passiggieri mill-*bus stop* faccata tas-Surfside ghax minn fuq l-*bus stop* l-iehor ma ghabba l-ebda passiggieri.

Illi r-rikorrent u l-ufficjali tal-Awtorita` intimata ma jaqblu xejn minn fejn tghabbew il-passiggieri. Filwaqt li r-rikorrent jghid li ghabbihom metri 'il boghod mill-*bus stop*, l-ufficjali jghidu li ghabbihom proprju minn fuq il-*bus stop*.

Illi dan it-Tribunal kellu diversi okkazjonijiet ta' kazijiet simili fejn l-Awtorita` intimata ssib lil xufier in kontravvenzjoni tar-Regolament 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ghaliex ikun ghabba xi passiggieri minn fuq *bus stop*. Illi dan it-Tribunal izomm ferm il-hsibijiet tieghu li diga enuncja f'dawk is-sentenzi u cioe` illi x-xufier irid ikun pogga l-vetturi tieghu ghall-kiri minghajr ma jkunu gew ingaggati ghal servizzi partikolari b'avviz minn qabel. Hekk perezempju ma jistghux jieqfu fit-triq u jistaqsu lill-persuni jekk ridux iwassluhom x'imkien. Il-ftehim biex jigi offrut is-servizz tal-istess vetturi jista' jsir biss minn gabbani awtorizzati, postijiet kummercjali awtorizzati, mill-ufficini tal-operatur jew mic-centru fejn jopera, jew inkella online, permezz tat-telefown jew bil-posta.

Illi r-rikorrent gab prova illi huwa kien jigi ingaggat regolarment mill-haddiema tas-Surfside biex iwassalhom id-dar wara li jispiccaw il-gurnata ta' hidma taghhom. Tali prova ma giet bl-ebda mod kontradetta. It-Tribunal jinnota illi l-ufficjali tal-Awtorita` intimata lanqas biss staqsew lill-passiggieri jekk kinux ibbukkjaw is-servizz minn qabel ghaliex skond huma ma kellhomx ghalfejn ladarba rawhom telghin minn fuq *bus stop*. Min-naha taghhom l-ufficjali tal-Awtorita` qalu li r-rikorrent ammetta maghhom li zbalja. Illi madankollu dan it-Tribunal qieghed jifhem li r-rikorrent seta' qalilhom li zbalja meta affaccjawh li huwa kien tella' n-nies minn fuq il-*bus stop* u mhux li ma kinux *pre booked.*

Illi jekk wiehed jara r-Regolament 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ma jirrizultax illi xufier ikun in kontravvenzjoni tal-istess Regolament jekk jghabbi minn fuq *bus stop*. Illi jirrizulta illi l-ufficjali tal-Awtorita` intimata ghandhom mhumiex infurmati sew x'jghidu l-imsemmija Regolamenti ghaliex fil-verita` kontravvenzjoni li *mini bus* tghabbi nies minn fuq *bus stop* ma tezistix. Illi li kieku l-legislatur ried li tali agir jikkonsisti kontravvenzjoni kien jinkludiha bhal ma inkluda kontravvenzjonijiet ohra. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jistghax jaqbel

mad-decizjoni tal-Awtorita` intimata ghaliex anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, ir-rikorrent ghabba minn fuq bus stop, tali agir ma jikkostitwix kontravvenzjoni taht ic-citati Regolamenti. A skans ta' repetizzjoni it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li giet sottomess iktar ghal fuq ghal x'agir jikkostitwixxi infrazzjoni ta' Regolament 42.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata kienet wahda mhux gustifikata fic-cirkostanzi u jigbed l-attenzjoni tal-Awtorita` intimata sabiex taghti d-direzzjonijiet opportuni lill-ufficjali taghha sabiex it-tahrikiet li johorgu ikunu konformi mal-ligi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**